V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11004 — ITOCHU / AMCI / FITZROY QLD RESOURCES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 86/09)

1. Fis-27 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ITOCHU Corporation ("Itochu", il-Ġappun),

— AMCI Group, LLC ("AMCI", l-Istati Uniti),

— Fitzroy QLD Resources Limited ("Fitzroy", ir-Renju Unit).

Itochu u AMCI se jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Fitzroy.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Itochu hija kumpanija nnegozjata pubblikament attiva f'firxa wiesgħa ta' industriji, inklużi l-kummerċ domestiku, l-importazzjoni/l-esportazzjoni, u l-kummerċ barrani ta' diversi prodotti bħat-tessut, il-makkinarju, il-metalli, il-minerali, l-enerġija, is-sustanzi kimiċi, l-ikel, il-prodotti ġenerali, il-proprjetà immobbli, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-finanzi, u l-investiment fin-negozju,

— AMCI hija kumpanija privata ta' investiment fir-riżorsi naturali attiva f'għadd ta' oqsma li jikkonċernaw l-enerġija u l-komoditajiet tal-metall b'investimenti fil-faħam, il-minerali u l-metalli,

— Fitzroy hija kumpanija privata li għandha u li topera minjieri tal-faħam tal-kokk fl-Awstralja, u għandha interessi mhux żviluppati fil-bini fl-Awstralja kif ukoll interess maġġoritarju f'fornitur ta' servizzi tat-tagħmir għall-estrazzjoni fl-Awstralja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11004 — ITOCHU / AMCI / FITZROY QLD RESOURCES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË